# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-sitta u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Il-Kunsillier M. Mifsud ma attendiex il-laqgha.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.30 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 55**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni lill-MEPA kienet qed tiehu hsiebha l-Perit Zahra.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku qal li kien infurmat li l-bieb tal-garaxx kien qed jinhadem mid-Dipt tal-Gvern. Huwa qal ukoll li l-lapida, l-arblu u l-bnadar kienu gew ordnati. Gie unanimament deciz li il-Kunsillier A. Muscat flimkien mas-Sur J. Bugeja jiehdu hsieb inaddfu t-Torri sabiex ikun lest ghall-inawgurazzjoni. Dan kollu gie unanimament approvat kif ukoll gie deciz li jigi ippubblikat fuljett b'informazzjoni fuq it-torri u nkomplu nsegwa l-provvista' tad-dawl.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew il-permess ta' l-ADT sabiex ikun jista jinbeda x-xoghol. Huwa qal ukoll li hemm xi residenti li kienu applikaw sabiex iqabbdu d-drenagg tad-djar taghhom mal-*main.*

**3.4** ***Para 3.4 – Scouts fil-Gharghur:*** Il-Kunsillier P. Fenech bhala rapprezentant ta' l-iScouts tar-rahal informa li kienet ser issir laqgha mal-GSL il-gdid is-Sur Demartino dwar id-devoluzzjoni ta' l-ex-sptar tal-Ferha.

**3.5** ***Para 3.7 – Reserved Parking Bays:*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat kien sar kif approvat.

**3.6** ***Para 3.8 – Jum il-Gharghur 2009 :*** Is-Sindku nforma li l-*flyer* bil-programm ta' l-attivitajiet kien qieghed ghall-istampar u dan kien gie ordnat ghand *Print Right* ghas-somma ta' € 140 + VAT ghal 1,000 kopja. It-tqassim ta' dan il-fuljett kien ser isir mis-

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Sur Joe Bugeja fil-bidu tal-gimgha d-diehla. Gie approvat ukoll li ghall-Kuncert tal-10 ta' Lulju jigu ordnati 300 siggu. Il-plakkek lil dawk li ser jinghataw Gieh il-Gharghur ser jigu ordnati bhal tad-darba ohra kif ukoll isiru c-certifikati. Giet approvata wkoll il-kwotazzjoni ta' Transient ghal dawl u *sound* fl-10 ta' Lulju li tammonta ghal € 505.93. Din is-serata ser tkun ipprezentata mis-Sinjura Marie Briguglio. Gie deciz li nkomplu nsegwu l-istima minghand is-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew tal-kuncert.

Rigward il-ftuh tat-torri giet approvata l-partecipazzjoni tal-*Malta Command Group* ghas-somma ta' madwar € 425 kif ukoll li ghandu jintbghat invit lill-ghaqdiet kollha tar-rahal. Ghandu jsir riceviment zghir wara li jkun inawgurat it-Torri.

Bhala attivitajiet ta' Jum il-Gharghur, gie approvat li l-anzjani jittiehdu jaraw il-fabbrika tal-halib gewwa l-Hamrun u jkun hemm hlas ta' €2 ghat-trasport. Rigward it-tfal gie deciz li dawn jittiehdu r-Razzett tal-Hbiberija gewwa Wied il-Ghajn fejn il-Kunsill ser ihallas l-entratura (€3) kif ukoll jipprovdi lit-tfal b'*healthy-bar* u flixkun ilma filwaqt li t-tfal ihallsu biss €2 ghat-trasport.

Rigward is-serata muzikali ghal Jum il-Gharghur gew approvati dawn il-kantanti : Greenfields (€70), Alison Ellul (€50), Mary Rose Mallia (€140), Renato (€140), Chiara (€150), Freddie Portelli (€267) u Sharp-A-Dancers (€100). Gie approvat ukoll li ghall-okkazjoni jinkrew 200 siggu, li jitqabbad Transient sabiex jipprovdi d-dawl u s-*sound* ghas-somma ta' €850.78 kif ukoll li l-bar jinghata lill-Kumitat tal-Festa peress li l-Kapillan kien qabel li s-serata issir fil-bitha tas-Sala Parrokkjali. Finalment gie approvat li ghal din is-serata u ghall-attivita' li ser issir fl-10 ta' Lulju, ghandu jitqabbad fotografu. Bhas-snin ta' qabel ser jintramaw ukoll il-bandalori fuq l-arbli li jinkrew minghand il-Kumitat tal-Festa. Din is-serata ser tkun ipprezentata mill-Vici Sindku Mark Azzopardi u mis-Sinjura Elaine Muscat.

Il-Kunsillier P. Fenech informa li bejn id-9 u t-12 ta' Lulju kienet ser tittella wirja ta' mudelli tal-knejjes gewwa s-Sala tal-Komunita'. Din ser tkun inawgurata mis-Sindku u waqt ic-cerimonja ser jinghata certifikat lil dawk li dan l-ahhar attendew xi wiehed mill-korsijiet organizzati mill-Kunsill.

Gie deciz li l-Kunsillieri u l-ex-Kunsillieri jigu mistiedna ufficcjalment ghac-cerimonja li ser issir fl-okkazzjoni tal 15-il sena tat-twaqqif tal-Gvern Lokali.

Dan kollu gie approvat unanimament.

**3.7** ***Para 3.9 – Ftuh ta' xelter:*** Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni ghad-devoluzzjoni tax-xelter kienet intbghatet filwaqt li fuq parir tas-Sur J. Mula gie unanimament approvat li l-bieba ghall-entratura ta' l-istess xelter ghandha tkun wahda hafifa sabiex jigi iffacilitat il-ftuh u ghalhekk mhux ser ikun permess li vetturi jipparkjaw fuq din l-entratura.

**3.8** ***Para 3.10 – Huggiega ta' San Gwann:*** Is-Sindku nforma li kienet saret applikazzjoni lil-Pulizija sabiex il-Pjazza tinghalaq u din kienet saret bejn il-Parrocca u l-Kunsill. L-ADT kienu gew infurmati u approvaw li l-karozzi tal-linja juzaw ir-rotta bhal tal-56 waqt li l-Pjazza tkun maghluqa ghat-traffiku. Il-Kunsillier P. Fenech li huwa responsabbli minn din l-attivita' spjega fid-dettal fiex kien jikkonsisti l-programm tas-serata. Gie deciz ukoll li ghal din l-attivita' jigu ordnati 100 siggu. Din l-attivita' ser tigi ipprezentata mis-Sinjura Anna Vella. Dan kollu gie unanimament approvat.

**3.9** ***Para 3.12 – Attivita' Gharghur F.C.*** Is-Sindku nforma li din l-attivita' kienet saret kif ippjanat.

**3.10** ***Para 3.13 – Talba ghad-danni:*** Is-Sindku nforma li r-resident li allega li kienet saritlu hsara meta fanal waqa fuq il-vettura tieghu kien ipprezenta lill-Kunsill rapport tal-Pulizija iktar dettaljat fejn din id-darba l-fanal qed jissemma bhala l-kawza tal-hsara li garrbet il-vettura tieghu. Huwa qal ukoll li r-resident kien ipprezenta stima aktar dettaljata sabiex tissewwa l-hsara u tinkera vettura sakemm l-karozza tkun qed tissewwa. It-talba tar-resident hija ta' c. €400. Il-Kunsill innota li r-rapport tal-Pulizija ma jikkonfermax li l-hsara saret mill-fanal izda sempliciment irrapporta dak li qed jallega r-resident kif ukoll li l-vettura kienet ipparkjata b'mod illegali. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qed iqis li l-ammont mitlub bhala spejjes huwa eccessiv imma, kien lest li joffti pagament ta'€ 200 *ex-gratia* minghajr ma qed jaccetta li l-hsara ikkawzata lil-vettura saret vermanet mill-fanal li waqa u dan bhala pagament uniku u finali ghall-ispejjez mitluba. Il-hlas isir biss fuq prezentazzjoni ta' ircevuta fiskali bhala prova ta' l-ispejjez li saru.

**3.11** ***Para 3.14 – Ktieb mixjiet fir-rahal. :*** Is-Sindku nforma li l-istampatur kien informa li l-verzjoni bl-Ingliz u dik bil-Malti jigu stampati f'daqqa. Peress li s-Sur Giljan Bezzina kien ghadu ma lestiex il-verzjoni bil-Malti jidher li l-verzjoni bl-Ingliz mhux ser tilhaq tasal ghandna sa' Jum il-Gharghur. Is-Sindku informa li l-*isponsor* kien ser joffri €300.

**3.12** ***Para 3.16 – Fuljett Kunsill*** – Gie unanimament deciz li l-harga li jmiss tal-fuljett tal-Kunsill issir ghand *Print Right* ghas-somma ta' € 329+VAT. Gie unanimament deciz li dan jitqassam mis-Sur Joseph Bugeja.

**3.13** ***Para 5.1 – Tindif fi Triq Ghaxqet l-Ghajn / Sqaq il-Hofra :*** L-Agent S.E. informa li d-Dipt. ta' l-Indafa Pubblika kien infurmana li huma ma setghux jaghmlu x-xoghol qabel it-30 ta' Gunju u li l-Kunsill kien ser ihallas biss l-ammont dovut ghar-rimi tal-materjal fil-Mizbla. Dan gie innotat pero gie unanimament approvat li jekk ikun hemm bzonn jitqabbad kuntrattur privat sabiex inehhi l-materjal.

**3.14** ***Para 7.2 – Fondi ghall-Energija*** : Is-Sindku nforma li konna nfurmajna lill-Engineer Curmi li rigward l-pannelli *photovoltaic* xtaqna li jinhareg *tender* komuni bejn dawk il-Kunsilli li jkunu nteressati. Dan gie unanimament approvat.

**3.15** ***Para 7.6 – Korsijiet tal-Kompjuter*** : L-Agent S.E. informa li kienet saret rifuzjoni lil dawk li kienu applikaw ghall-kors tal-kompjuter gewwa r-rahal peress li minhabba n-nuqqas ta' konkorrenza, il-korsijiet kellhom jithassru.

**3.16** ***Para 7.5 – Parkegg Triq Ghaxqet l-Ghajn :*** Is-Sindku nforma li konna tlabna lill-Perit Zahra sabiex tipprepara pjanta ghal parkegg propost sabiex tigi ikkunsidrata mill-Kunsill.

**3.17** ***Para 7.8 – Basktijiet tax-Xoqqa :*** L-Agent S.E. informa li l-basktijiet kienu gew ordnati kif approvat fl-ahhar laqgha.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba sabiex isiru zewg *bollards* sabiex jigi ipprojbit l-ipparkjar ta' vetturi fuq id-*Double Yellow Lines* fi Triq il-Kbira kantuniera ma Triq il-Qieghed. Gie unanimament deciz li l-ewwel ninfurmaw lill-Pulizija / Gwardjani Lokali sabiex jissorveljaw iz-zona iktar spiss u jekk jibqa issir abbux jitwahhlu dawn il-*bollards*. Sabiex dawn ma jkunux ta' periklu dawn ghandhom jitwahhlu imissu mal-hajt.

**5.2** Ilment dwar hmieg li qed jithalla ta' kuljum minn kuntrattur li qed jahdem fil-bini tal-*Master Antenna*. Gie unanimament deciz li dawn l-ilmenti jigu riferuti lil-Awtorita' tax-Xandir li hija l-propjetarja tal-post imsemmi kif ukoll lill-kuntrattur.

**5.3** Ilment dwar vetturi li qed jipparkjaw faccata ta' garaxx fi Triq Gargallo bil-konsegwenza li l-vetturi kbar bhal *coaches* mhux qed ikunu jistghu jidhlu/johorgu mill-garaxx taghhom. Gie unanimament deciz li dan l-ilment ghandu jigi nvestigaw u jekk jinstab li hu gustifikat isir *line* wiehed isfar faccata tal-garaxxijiet.

**5.4** Talba bil-miktub mit-tabib ta' resident li joqghod fi Triq il-Kbira sabiex isir *Double Yellow Line* sabiex jitnaqqas il-periklu lil dan ir-resident. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jikseb iktar informazzjoni minghand it-tabib li ghamel it-talba f'isem ir-resident u jitolbu jiggustifika s-suggeriment tieghu.

**5.5** Talba sabiex jonqsu l-*Bus Stops* li hemm fi Triq Caravaggio. Gie unanimament deciz li din it-talba ma hiex gustifikata.

**5.6** Ilment dwar inkonvenjent ikkawzat minn sigra fi Triq San Bartilmew. Gie innotat li din hierga minn propjeta' privata u ghalhekk suppost is-sid jiehu hsieb li jizborha pero gie unanimament deciz li din tinzabar mill-ELC.

**5.7** Talba minn resident sabiex isiru *parking bays* fi Triq Zellieqa u Triq Zaghruna. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jikkunsidra din it-talba meta jkunu ser isiru aktar *parking bays* fil-futur.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 35/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar websajt tal-Kunsill (www.lc.gov.mt).

Din il-korrispondenza giet innotata. L-Agent S.E. ikkonferma li l-minuti tal-Kunsill issa qeghdin ukoll fuq din il-websajt.

GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**6.3** Korrispondenza minghand l-Onor Chris Said sabiex issir laqgha mieghu fid-29 ta' Lulju.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillieri ikkonfermaw li ser jattendu.

**6.4** Korrispondenza minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn gejna nfurmati li l-area ta' madwar is-*sub-station* li hemm fi Triq 31 ta' Marzu mhux propjeta' taghhom.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-ilment originali jigi riferut lid-Dipt. ta' l-Artijiet.

**6.5** Korrispondenza minghand l-ADT tawtorizza lill-Kunsill sabiex iwahhal *U-Bollards*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** L-Agent S.E. informa li l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill ghas-sena finanzjarja li ghalqet fl-ahhar ta'Marzu 2009 kien gie konkluz.

**7.2** Gie unanimament deciz li tingieb stima sabiex isir qtuh ta' haxix fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**7.3** Is-Sindku ta dettalji tal-laqgha li kellu mas-S.E. tal-Kunsill rigward il-*Performance Appraisal*. Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-persentagg ta' *bonus* li ghandu jinghata lis-S.E. ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Marzu 2009 kif kien diga gie approvat f'laqgha precedenti tal-Kunsill.

**7.4** Gie unanimament deciz li ghandha ssir laqgha mal-Kappillan sabiex jigu diskussi l-attivitajiet li ser jigu organizzati mill-Kunsill din is-sena kif ukoll il-partecipazzjoni taghna fil-festi centinarji li ser jigu ccelebrati s-sena d-diehla u kif dawn ser jaffettaw Jum il-Gharghur 2010.

***Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 30 ta' Gunju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **30 ta' Gunju 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |